**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum l-10 t' Ottubru 2019

Rikors Numru: 182/16 AL

A B C

Vs

D B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' A B C li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi nhar is-sittax ta' Jannar tas-sena elfejn u ħmistax (16.01.2015), il-partijiet iżżewġu ġewwa Casablanca, il-Marokk (Dok A anness);

2. Illi miż-żwieġ bejn il-kontendenti ma kienx hemm ulied.

3. Illi l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-konvenut li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa;

4. Illi fil-mori tal-kawża, ser jiġi ppruvat illi l-kunsens tal-intimat inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ;

5. Illi l-intimat iżżewweġ lir-rikorrenti għal raġunijiet ta' konvenjenza u xejn aktar u dan ser jiġi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawża;

6. Illi għalhekk iż-żwieġ ċelebrat bejn il-partijiet huwa null għal effetti kollha tal-liġi;

Talbet lill-intimat igħid għaliex din il- Qorti m'għandhiex:

1. Tiddeċiedi u tiddikjara illi ż-żwieġ tas-16 ta' Jannar 2015 li ġie ċċelebrat bejn il-partijiet huwa null u bla effett fil-liġi;
2. Tawtorizza lill-esponenti illi tirreġistra l-istess sentenza fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa minn issa nġunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi.

Rat ir-risposta tal-konvenut a fol 13 li permezz tagħha espona:

Illi l-proċedura istitwita mill-attriċi hija palesement fażulla u għalhekk infondata fil-fatt u fi dritt stante li:-

1. Qabel ġie ċelebrat iż-żwieġ bejn il-kontendenti huma ikkoabitaw feliċement għal-circa ħames snin liema relazzjoni kienet karatterizzata minn imħabba u minn rispett reċiproku għalkemm minn din ir-relazzjoni ma twieldux tfal.
2. Kienet ix-xewqa tal-partijiet li din ir-relazzjoni extra-matrimonjali timmatura f' relazzjoni konjugali, kif filfatt sar.
3. Fl-isfond tas-suespost it-tesi tal-attriċi li ż-żwieġ minnhom kontratt sar għall-finijiet ta' konvenjenza hija inveritiera u għalhekk infodata daqs kemm hija infondata it-tesi tal-attriċi li l-kunsens tagħha inkiseb

b'qerq u bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew ta' xi element/i essenzjali tal-ħajja miżżewġa jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ;

4. Effetivament wara li ż-żwieġ ġie ċelebrat inqala' dissidju li kien provokat esklussivament mill-attriċi li ppretendiet li żewġha jixtri post meta ma kienx finanzjarjament possibli f'daka l-istadju li l-intimat jieħu pass simili. Ir-rifjut tal-intimat fir-rigward ta' lok għal imġieba inspjegabbli da parti tar-rikorrenti tant li hija keċċiet lill-intimat mill-post fejn kienu qed joqgħodu minkejja li l-intimat għamel ħiltu kollha biex jikkonvinċi lil martu biex tastjeni mill-attitudni li kienet addottat inġustament u arbitrarjament. Di fatti l-intimat għadu jħobb lil martu u huwa dispost li jerġa' jibda jgħix magħha jekk hi tkun konsentjenti.

Għalhekk il-pretensjonijiet tal-attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt oltre li huma vessatorji u fasulli u jekk hija bierdet minn żewġha u ħarġitu minn qalbha din il-proċedura hija motivata minn għanijiet ulterjuri da parti tal-attriċi u ġiet istitwita in mala fede u konsegwentement b'abbuż tal-proċess legali stante li hija intiża li tisvija lil din il-Qorti.

Salv eċċezzjonijiet oħra permessi mill-liġi.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut.

Semgħet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta' dan il-proċediment;

Rat illi l-kawza tħalliet għas-sentenza għallum;

## KONSIDERAZZJONIJIET

Il-Qorti għandha quddiemha talba sabiex iż-żwieġ bejn il-kontendentii li ġie kkuntrattat fis-16 ta' Jannar 2015 jiġi dikjarat null u bla effett fil-liġi. Illi fir-rikors promotur ma ġiex indikat *ai termini* ta'

liema subinċiżi tal-liġi qed jintalab l-annullament. Iżda, ġie premess, li l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-intimat, u li l-kunsens tal-intimat inkiseb

bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa.

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. Jirriżulta li l-partijiet iżżewġu fil-Marokk fis-16 ta' Jannar 2015, kif jidher minn Dok A esebit mar-rikors promotur, wara li kienu ilhom jafu lil xulxin u ffrekwentaw lil xulxin għal diversi snin f'Malta. Illi matul is-snin li l-kontendenti kienu jifrekwentaw lil xulxin, l-intimat kien qiegħed jaħdem f'Malta illegalment b' 'overstay' ta' diversi snin. Illi sussegwentement għaż-żwieġ tagħhom, iż-żwieġ sfaxxa wara biss ħmistax il jum meta l-intimat telaq u mar joqgħod ma ħuh. In segwitu, r-rikorrenti pproċediet bil-każ odjern.

**PROVI**

A Bourbakat xehdet u qalet li ltaqgħet mal-intimat f'kafeterija fejn kienet taħdem ħames snin qabel iżżewġitu. Spjegat li dak iż-żmien hu kien jaħdem Malta, izda illegalment. Semmiet li kien jgħamillha pressjoni minħabba s-sitwazzjoni tiegħu, xtaqet tgħinu u meta staqsiet u ndagat kif setgħet tgħinu qalulha li kien biss biż-żwieġ, u ż-żwieġ ma setax isir Malta peress li hu kien hawn illegalment iżda ried isir fil-Marokk, f'pajjiżu. Qalet li fiż-żmien li damu hawn ma kinux igħixu flimkien u kienet tibqa' għandu biss fil-kamra fejn kien jikri fil-'weekend', meta staqsietu biex isibu post alternattiv u joqgħodu flimkien hu ma riedx. Sussegwentement marru l-Marokk sabiex jipreparaw id-dokumenti u l-karti kollha għaż-żwieġ, u għal dan il-għan baqgħet hemm fil-Marokk ghal xahar u nofs, u żżewgu fil-Marokk. Meta ġew Malta, kienu marru joqgħodu f'boathouse fil-Qawra, għamlu biss ġimgħatejn igħixu flimkien, għax wara gimgħatejn hu ddecieda li jmur lura għand ħuh li kien joqgħod Malta.

Spjegat, li meta ddeċidew biex jiżżewġu, minħabba s-sitwazzjoni tiegħu ma kellhomx triq oħra ħlief iż-żwieġ, iżda meta rat li telaqha wara ġimgħatejn rat li l-unika skop tiegħu kien li jakkwista l-permess rikjest biex ikun jista' joqgħod hawn, u li ma kienx wera r-responsabbilta` ta' raġel miżżewweġ. Preċedentement għaż-żwieġ ikkjarifikat li ma kinux igħixu flimkien izda fil-weekends biss għal perjodu ta' ħames snin, fejn hi kienet tgħid li tħobbu u hi kien ikollha ssaqsih dwar dan. Semmiet li kienu intimi flimkien qabel iż-żwieġ, u susssegwentement għaż-żwieġ darba biss. Qalet li l-intimat kien jagħmillha pressjoni verbali biex jirregola s-sitwazzjoni tiegħu, u meta tkellmu dwar il-problema raw li ż-żwieġ hi s-soluzzjoni għal din il-problema.

In kontro-ezami qalet, li l-kliem "ejja nfittxu niżżewġu" ma kienx qalhom iżda kien jgħamillha pressjoni anke minħabba l-familja tiegħu, u ma riedx jiġi deportat. Meta kien ser jitlaq mill-'boathouse' hi staqsietu x'kien qed idejqu hemm u qallha għax jinsab boghod mix-xogħol, għalhekk qaltlu biex isibu post aktar qrib ix-xogħol tiegħu iżda hu xorta ma riedx, u ġie ħuh għalih u telaq.

L-Ispettur E F xehed u qal li kienet kelmitu r-rikorrenti ftit qabel l-20 ta' Novembru 2014, fejn qaltlu li kellha relazzjoni ma' persuna ta' nazzjonalita Marokkina, li kien ilu b' 'overstay' ta' sitt snin f'Malta, qal li meta giet tkellmu dejjem marret weħedha u mas-sur B ma ltaqa' qatt. Spjega li sussegwentement kienet infurmatu li se tmur il-Marokk biex tiżżewġu u hu ma ndaħalx. Sussegwentement għaż-żwieġ, qal, li kienu ġew it-tnejn flimkien, u ntbaghtet il-konferma li huma miżżewġin u tneħħielu l-'ban', u ppreżenta d-dokumenti relevanti bħala Dok FS1, FS2 u FS3. Sakemm ir-rikorrenti ppreżentat id-dikjarazzjoni Dok FS4, li m'għadhomx jirrisjedu flimkien u għalhekk irriżulta li wara ż-żwieġ il-partijiet għexu flimkien biss għal xi jiem.

G C xehdet permezz ta' affadvit[1] fejn qalet li hi omm ir-rikorrenti u kienet iltaqgħet ma' l-intimat wara ftit taż-żmien li bintha kienet iltaqgħet miegħu, u dejjem ratu mħasseb u kwiet ħafna, u f'xi

[1] Affidavit fol 57.

okkażjonijiet meta ħarġu flimkien, dejjem rat lil bintha tħallas kollox hi jew jaqsmu l-flus. Semmiet li bintha kienet siefret biex tiltaqa' mal-familja ta' D qabel iż-żwieġ, u bintha kienet qed tibża' li jitkeċċa minn Malta u din is-sitwazzjoni tefgħet pressjoni fuq bintha biex tiżżewweġ. Spjegat li meta ġew Malta huma bħala ġenituri offrewlhom jogħodu magħhom jew fil-'boat house' residenza tas-sajf, huma kienu għazlu li jmorru joqgħodu fil-boathouse sabiex wara ftit jiem saret taf, li D kien telaq u mar igħix ma' ħuh.

H I xehdet permezz ta' affidavit[2] qalet li ilha ħbieb għal ħafna żmien mar-rikorrenti u li D dejjem kien ta' ftit kliem, hu kien jaħdem bħala 'packer' ġo fabbrika u wara x-xogħol kien jagħmel xogħol ta' kisi u tikħil. Ir-rikorrenti kienet semmitilha li hu qed jaħdem hawn illegalment u li xtaq jirregolarizża s-sitwazzjoni tiegħu. Qalet li taf li r-rikorrenti għamlet minn kollox biex tgħinu lil D kemm matul iż-żmien tal-għerusija u fiż-żwieġ iżda hu ma rreċiprokax.

D B xehed in subizzjoni u kkonferma li meta ltaqa' ma' A hu ma kellux permess ta' residenza. Hu kkonferma li kien jaħdem mal-kumpanija 'Philmic'. Hu kkonferma li kien konsapevoli mill-fatt li kienu ser jaqbduh jaħdem f'Malta kienu se jkeċċuh. Qal li f'Malta kien jaqla' aktar milli fil-Marokk. Qal ukoll li hu kien igħin lil ommu bil-flus li jaqla' hawn Malta peress li kienet batuta f'pajjiżha. Ikkonferma wkoll li hu u A kienu ddiskutewha bejniethom din il-problema tal-permess ta' residenza.

Hu xehed ulterjorment permezz ta' affidavit[3] u qal li meta ltaqa' ma' A mill-ewwel saru jħobbu lil xulxin. Qal li mhuwiex minnu li żżewiġha biex jibqa' jaħdem f'Malta iżda għax kien iħobbha. Spjega li kienet A li għamlet kollox biex setghu jiżżewġu u tant riedet li jiżżewġu li marret il-Marokk biex issir taf lil familtu. Qal li wara li żżewġu hu ma riedx jixtri post peress li ma kellux biżżejjed flus, u qal li hu għadu lest li jerġgħu jingħaqdu.

[2] Affidavit fol.62
[3] Affidavit Fol.129

J K xehdet permezz ta' affidavit[4] qalet li ilha taf lir-rikorrenti ghal għaxar snin, u saru aktar hbieb meta bdiet taħdem fl-istess ħanut f'Tal-Ibragg. Meta kienet toħroġ ma' D taf li A kienet ħadet inizjattivi, billi bdiet tiġri fid-Dipartimenti biex tipprova tirregolarizża l-pożizzjoni tiegħu. Qalet li kienet taf li D kellu żewġ xogħolijiet iżda minkejja dan, kienet dejjem A li tħallas għat-tnejn li huma. Semmiet li meta r-rikorrenti rritornat lura mill-Marokk, hi marret iżżurhom fil-'boathouse' fejn kienu joqħodu, li kienet post bil-kumditajiet kollha, sakemm A infurmatha li kien telaq u mar igħix għand ħuh.

L C xehed permezz ta' affidavit[5] qal li hu jimpjega lill-intimat u snin ilu kien jaf li D kellu relazzjoni ma' A u kien anke jaraha twasslu għax-xogħol, u kulħadd kien jikkunsidrahom bħala koppja ta' għarajjes normali, sakemm wara ż-żwieġ tagħhom, D infurmahom li hu u A ma baqgħux flimkien.

M C iben L C, xehed permezz ta' affidavit[6] qal li D ilu jaħdem mal-kumpanija tagħhom u xi tmien snin ilu D kien beda jaħroġ ma' A u kienu koppja ta' gharajjes normali, u jaf mingħand D li xi ġranet fil-ġimgha A kienet torqod għandu għalkemm xi drabi oħra kienet torqod mal-ġenituri tagħha. Jaf li kienu telgħu l-Marokk biex jiżżewġu u għamlu xi żmien hemm biex A ssir taf lill-familja tiegħu sakemm imbaghad saru jafu wara ż-żwieġ li ma baqgħux flimkien.

O O xehdet permezz ta' affidavit[7] u qalet li ilha taħdem ma' Philmic Products għal xi disgħa snin, ilha taf lil D għal tmien snin u tiftakru joħrog ma' A peress li A kienet twasslu għax-xoghol u kellmithom kemm il darba, u l-għerusija tagħhom damet madwar hames snin.

## PRINCIPJI LEGALI

Minkejja l-fatt li ma ġewx imsemmijin is-subinċiżi tal-ligi li fuqhom hija msejsa din l-azzjoni, xorta waħda jista' jiġi dedott minn dak

[4] Affidavit fol.95
[5] Affidavit Fol.101
[6] Affidavt Fol 102
[7] Affidavit Fol. 104

premess li din il-kawża tista' tinkwadra ruħha taħt l-Artikolu 19(1) (c) 19, (1) (d) u 19(1) (f) tal-Att Dwar iż-Żwieġ.

19(1) B'żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, żwieġ ikun null:

(ċ) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-oħra li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa;

(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

(f) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt ghall-att taż-żwieġ;

Dwar l-Artikolu 19 (1) (c) u cjoe` li l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b'xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa issir referenza ghall-kawża fl-ismijiet Pierina C vs Bentanfous Amour[8] fejn ġie dikjarat li "Kwantu ghall-"qerq" … dan ċertament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodici Civili. L-ghemil doluż pero ma' jista' qatt ikun preżunt u għandu jiġi ppruvat (L-Artikolu 981(2). Il-qerq irid ikun tali li jkun jista' jbiegħed ir-raġuni u jegħleb il-volonta."

Espożizzjoni tat-tifsira tal-qerq fit-termini tal-liġi taż-żwieġ tagħha ingħatat fil-kawża fl-ismijiet Mary Farrugia vs John Farrugia[9] Il-Qorti sostniet illi l-qerq irid jinċidi direttament fuq l-intellett ta' xi waħda mill-partijiet fiż-żwieġ u indirettament fuq il-volonta` tal-persuna ngannata. Fil-każ tal-qerq, huwa l-intellett tal-partijiet li jintlaqat

[8] Deċiza mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fid-9 ta' Dicembru 2002 (Cit. Nru.1176/2000/1) (PS).
[9] Deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Marzu 1995 (Citazzjoni Numru 1190/94VDG).

mhux il-kunsens. “Kif jispjega il-ġurista Jose` Castano “Il dolo causa direttamente errore nell’ intelletto del paziente, il quale ex errore consente.” Dan il-qerq jista’ jiġi kemm minn wahda mill-artijiet fiż-żwieġ kif ukoll minn terza persuna. Biex jissussisti l-qerq ravviżat fis-sub artikolu in eżami iridu jikkonkorru erba’ affarijiet:

1) Il-qerq jigi perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti;
2) Il-qerq ikun inċida fuq il-kunsens tal-parti
3) Il-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita tal-parti l-ohra[10]
4) Li din il-kwalita tkun tista’ mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa. Mhux neċessarju li l-ħajja miżżewġa ġiet effettivament imfixkla, imma li kien hemm il-potenzjal li titfixkel.

Illi l-Qrati tagħna dejjem sostnew li ż-żwieġ ikun null skont dan is-subartikolu jekk waħda mill-partijiet tagħti l-kunsens tagħha għax tkun ġiet imqarraq jew mill-parti l-oħra jew minn xi ħaddieħor dwar xi kwalità tal-parti l-ohra.[11] Bi kwalita tal-persuna, il-Qorti tifhem illi l-qerq ikun relatat mal-persuna innifisha bħal ma hija persuna marida, infertili jew afflitta mill-ġenn, jew ivvizjata bid-droga bl-alkohol jew bil-loghob, tal-ażżard, li tahbi tali vizzju jew mard mill-konjuġi qabel iż-żwieġ, jew persuna ta’ orjentazzjoni sesswali mhux kif mistenni fir-relazzjoni partikolari.[12]

Illi b’difett serju ta’ diskrezzjoni dwar il-ħajja miżżewġa u/jew l-elementi essenzjali tagħha, (l-artikolu19(1)(d) tal-Att dwar iż-Żwieg) il-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta’ immatuG` li parti jew oħra fiż-żwieġ tista’ tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda matuG shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. Kunsens validu iżda jeħtieġ konoxxenza sħiħa ta’ dak kollu li jkunu deħlin bih il-partijiet, u impenn għall-obbligi u d-drittijiet konjugali

[10] Carmelo sive Charles Mifsud vs Anna Mifsud nee Ignacakova, Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta’ Novembru 2002, (Citazz 2469/1997) (RCP) u AB vs Dr. Leontine Calleja et noe deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-6 ta’ April 2017 (Rikors Guramentat 21/16AL).
[11] Fattah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et, deċiża mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta’ Novembru 1982, kif iċċitata b’approvazzjoni f’ Carmelo sive Charles vs Anna Mifsud nee Ignacakova, Prim Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta’ Novembru 2002 (Cit. Nru 2469/1997 RCP).
[12] Bħal fil-każ ta’ David Buhagiar vs Roseanne nee Maile, deċiża mill-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta’ April 1995 (Citazzjoni 1548/94VGD)

kemm fil-preżent kif ukoll fil-futur. Dan ifisser li l-partijiet irid ikollhom dik il-matuG li tagħmilhom kapaċi jirriflettu fuq l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ġġib magħha l-ħajja miżżewġa u jkunu għalhekk kapaċi jerfgħhu u jwettqu l-istess matul il-ħajja matrimonjali tagħhom. Inoltre`, l-partijiet irid ikollhom dik il-matuG` affettiva, liema matuG` effettiva tkun fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mil-ligi.

Kif jispjega l-awtur Bersini "e necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emmettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sareberro in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia ammetta prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravenmente alterata o addirittura mancante, si dovra ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio".[13]

Illi l-awtur Viladrich jispjega li: "Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This

[13] Bersini Francesco, Il Diritto canonico matrimoniale, (Torino, 1994) p.97 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Renato Galea vs Sharon Galea nee Gibson mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Marzu 2003 (Citazzjoni Numru 484/1995/2 (RCP)).

community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring."[14]

Illi l-Qorti tirreferi wkoll ghall-artikolu 19(1)(f) tal-Att dwar iz-Zwieg li tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita` taż-żwieġ f'dan il-kuntest, irid jiġi neċessarjament ippruvat li xi wieħed mill-partijiet, jew it-tnejn għamel simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tiegħu jew tagħha.

Illi kif gie spjegat minn din il-Qorti fil-kaz Alfred Tonna vs Maria Tonna,[15] "ikun hemm simulazzjoni meta fil-mument tal-għoti tal-kunsens matrimonjali parti jew oħra(jew it-tnejn) esternament turi li qed tagħti l-kunsens matrimonjali iżda internament u b'att pożittiv tal-volonta` tagħha tkun qed tiċħad il-kunsens għal dak iż-żwieġ (simulazzjoni totali) jew dejjem b'dak l-att pożittiv tal-volonta`, tkun qed teskludi xi element jew proprjeta` essenzjali ghaż-żwieġ (simulazzjoni parzjali)."

Illi meta wieħed jitkellem dwar l-esklużjoni taż-żwieġ jew wieħed mill-elementi essenzjali tiegħu, wieħed irid jifli jekk il-kontendenti jew wieħed minnhom, allavolja hu kapaċi jagħti kunsens validu għaż-żwieġ, pero bl-atti tiegħu qabel u fil-ħajja miżżewġa, jew bl-ommissjoni tiegħu, eskluda a priori ċertu obbligi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, ċjoe`, issimula l-kunsens tiegħu totalment fejn eskluda a priori ż-żwieg, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe` saret simulazzjoni parzjali."[16]

APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODEJERN.

[14] Viladrich Pedro Juan, Matrimonial Consent in Code of Canon law Annotated (Montreal 1993) p.686 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Lydia Musu` vs Dr. Ian Spiteri Bailey et noe mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fl-1 ta' Ottubru 2002, (Cit. nru. 390/1999/1) (RGM).
[15] Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (VDG) – 31 ta' Jannar 1996
[16] Sharon Lanzon vs Francis Attard – Prim Awla tal-Qorti Ċivili – 15 ta' Marzu 2000.

Illi stabbiliti l-aspetti legali suċitati dwar l-aspett tal-qerq, tad-difett serju fid-diskrezzjoni tal-ġudizzju u tas-simulazzjoni tal-kunsens, din il-Qorti ser tgħaddi biex tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-dawl tal-provi miġbura.

Referibbilment għall-ewwel kawżali ta' qerq, fil-każ in eżami ma jirriżultax dak il-qerq li jinkwadra ruħu taħt l-artikolu 19(1) (c) illi jirrikjedi qerq dwar xi kwalita` tal-persuna. Il-qerq irid ikun abbinat ma' kwalita` inerenti għall-persuna. Għalhekk, fir-relazzjoni in eżami m'hemmx il-qerq li jattira nullita` taż-żwieġ kif kontemplat fil-liġi tagħna u kif inhu insenjat fil-ġurisprudenza. Fil-fatt, bi kwalita` tal-persuna, l-Qorti tifhem  illi l-qerq ikun relatat mal-persuna innifisha bħal ma hija persuna marida, infertili jew afflitta minn ġenn, jew ivvizzjata bid-droga bl-alkohol jew bil-logħob tal-azzard, li taħbi tali vizzju jew mard mill-konjuġi l-ieħor qabel iż-żwieġ, jew persuna ta' orjentazzjoni sesswali mhux kif mistenni fir-relazzjoni partikolari.  Illi għalhekk, il-qerq kif imfisser mil-liġi u l-ġurisprudenza tagħna ċċitata, ma jissusistix fir-relazzjoni in eżami.

Illi dwar il-kawżali tan-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju, u s-simulazzjoni tal-kunsens, hemm differenza fina bejn waħda u l-oħra li mhux dejjem tkun facli li tiddeċifraha. Filwaqt illi tal-ewwel tfisser li wieħed mill-konjuġi, jew ossija t-tnejn, ma fehemx x'inhuwa mistenni minnu fir-rigward ta' obbligi matrimonjali, fit-tieni l-konjuġi, jew wiehed minnhom, minkejja li konxji tal-obbligi rispettivi tagħhom fiż-żwieġ, jagħżlu li jeliminaw xi wieħed mill-obbligi. Għalkemm il-liġi ma tiddefinixxix x'inhuma l-"elementi essenzjali" tal-ħajja miżżewġa eppure hu komodament paċifiku illi l-iprem element fiż-żwieġ huwa d-dritt tal-miżżewġin għall-komunjoni tal-ħajja bejniethom (*'cummunio vitae'*).

Dan l-element bażiku tista' tgħid, li kien għal kollox assenti fiż-żwieġ tal-kontendenti, almenu da parti tal-intimat.  Minkejja li l-intimat jeċċepixxi li qabel iż-żwieġ huma ikkoabitaw għal ħames snin, għalhekk dan kien żwieġ ta' mħabba u mhux żwieġ ta' konvenjenza, diffiċilmnet wieħed jemmen li dan kien verament żwieġ ta' mħabba u intiż għall-ħajja miżżewġa flimkien ta' bejniethom, meta ħmistax

biss wara ż-żwieġ, l-intimat telaq mill-fond konjugali fejn kienu qed jabita mar-rikorrenti, b'mod li ma reġax irritorna lura fl-ebda mument. Li kieku ghall-grazzja tal-argument, dan iż-żwieg kien verament ibbażat fuq l-imħabba u maħsub u intiż fuq il-komunjoni tal-ħajja miżżewġa, kif qed isostni l-intimat, kien ikun hemm tul ta' żmien ħafna aktar minn ħmistax il jum wara d-data taż-żwieġ, kif fil-fatt kien hemm tul ta' żmien fl-għerusija qabel id-data taż-żwieġ innifisha. Inoltre`, il-verżjoni tal-intimat, li huma kienu jikkoabitaw għal ħames snin sħaħ qabel id-data taż-żwieġ mhijiex korroborata bil-provi, peress li r-rikorrenti sostniet li hija kienet torqod għandu biss fil-'weekends' matul dawk il-ħames snin, u M C ikkonferma fix-xhieda tagħha li kien jaf mingħand l-intimat stess, li matul l-għerusija, ir-rikorrenti f'xi ġranet raqdet miegħu u f'xi ġranet oħra kienet torqod għand il-ġenituri tagħha. Għalhekk, il-verżjoni tal-intimat, kif imressqa fir-raba' eċċezzjoni tiegħu, li ż-żwieġ sfaxxa għax ir-rikorrenti riditu jiehu 'loan' għal dar, mhijiex tenibbli u lanqas kredibbli stante, li dak sostnut mill-intimat ma jirriżulta minn imkien ippruvat fl-assjem tal-provi. Anzi din il-Qorti tosserva li kienet proprju r-rikorrenti li pprovdiet fond konjugali fejn il-kontendenti setgħu jabitaw flimkien, anke jekk bl-għajnuna tal-ġenituri tagħha.

Għaldaqstant, jirriżulta, li dan iż-żwieġ kien nieqes minn l-element esenzjali rikjest għall-ħajja konjugali proprju għax l-intimat ma fehemx x'inhuma l-obbligi matrimonjali tiegħu, nonostante li sostna li r-relazzjoni tal-kontendenti kienet ibbazata fuq l-imħabba. Illi malli hu akkwista l-permess biex ikompli jaħdem f'Malta tramite ż-żwieġ tiegħu mar-rikorrenti, fi żmien ftit jiem telaq mill-fond konjugali fejn kien qed jabita magħha u mar joqgħod ma ħuh, kif ikkonfermat ukoll mill-Ispettur E F, li kien ġie infurmat mir-rikorrenti permezz ta' Dok FS4 esebita fl-atti. Dak ċertament mhuwiex dak li kien mistenni jekk kien verament konxju tal-obbligi matrimonjali tiegħu. Għalhekk, tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat.

Mill-atti processwali jirriżulta, li l-intimat ma kellux il-matuG li jirrifletti fuq l-obbligi u d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tal-ħajja konjugali, u għalhekk ma kienx kapaċi jerfa' u jwettaq l-istess matul il-ħajja matrimonjali tagħhom. Mill-assjem tal-provi ma jirrizultax li l-iskop

ewlieni tiegħu maż-żwieġ kien l-element tant essenzjali tal-ħajja miżżewġa.

In vista tas-suespost, ikkunsidrat li t-talba tar-rikorrenti hija ġustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini tal-paragrafu (1)(d) tal-artikolu 19 tal-att Dwar iż-Żwieġ, kwindi timmeG li tiġi milqugħa.

**DEĊIDE**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawża billi tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat, u tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti b'dan illi:

Tiddikjara illi ż-żwieġ ikkuntrattat bejn ir-rikorrenti u l-intimat fis-16 ta' Jannar 2015 huwa null u bla effett fil-liġi ai termini tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Att dwar iż-Żwieg, Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk tordna li din id-deċiżjoni tiġi rreġistrata mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fl-att taż-żwieġ relattiv għaż-żwieġ bejn il-kontendenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat.